MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 64/2013/1

**Darryl Luke Borg**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, Direttur Qrati Kriminali u Tribunali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell intavolat mir-rikorrent Darryl Luke Borg minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fis-27 ta' Ġunju 2014, li permezz tagħha dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra fil-mertu tal-intimati, u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

__**Ir-Rikors tal-Atturi**__

**2.** Bir-rikors tagħhom tat-3 ta' Novembru 2011, l-atturi talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti jogħġobha:

> "i) tiddikjara illi, minħabba illi l-esponent tessaq il-Qorti taħt arrest nhar l-Erbgħa 7 ta' Awwissu 2013 nonostante li ma kien jissossiti (*sic*) l-ebda suspett raġonevoli fil-konfront tiegħu; b) ladarba hekk tressaq, ġie mċaħħad mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u c) l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, malli sar jaf li hemm bniedem detenut mingħajr raġuni, ma ħax passi immedjati sabiex jirtira l-akkużi fil-konfront tal-esponent dakinhar stess u ċioe` nhar il-Ħamis 8 ta' Awwissu 2013, dawn il-fatti kollha meħudin flimkien jew separatament jilledu d-dritt fundamentali ta' l-esponent għall-ħarsien mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja kif sanċit bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wkoll bl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> "ii) tiffissa kumpens dovut lill-esponenti minhabba dan il-ksur ta' drittijiet tiegħu hawn fuq indikati,
>
> "u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti huma kif ġej:

> "Illi l-esponent tressaq taħt arrest nhar l-Erbgħa 7 ta' Awwissu 2013 u ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli nhar l-4 ta' Awwissu 2013 għall-ħabta tad-9 ta' filgħaxija ġewwa The

Convenience Shop fi Triq Mons. Alfred Mifsud kantuniera ma' Triq il-Karmnu, Birkirkara:

"i) Ikkometta serq t'ammont ta' flus kontanti f'denominazzjonijiet ta' Ewro, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlitt mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin u li sar għad-dannu tas-socjeta` Jin Co. Ltd (nru. ta' registrazzjoni C45048) u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet oħra;

"ii) Bla ordni skond il-liġi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Sue Ellen Cassar u Franklyn Grech kontra l-volontà tagħhom, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex persuna jew persuni oħra jkunu imġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferimenti ta' hwejjiġhom;

"iii) Talli, filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta` (minħabba ħsara involontarja fil-proprjeta`) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

"Talli permezz tal-presenti reati addebitati lilu, f'każ ta' ħtija, l-istess imputat ikun kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien impost fuqu b'żewġ sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu; waħda mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., b'sentenza datata 11 ta' Ottubru 2012, u sentenza oħra mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima LL.D., mogħtija nhar it-22 ta' Jannar 2013;

"v) Finalment, talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), datata l-1 ta' Marzu 2006, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel.

"Illi waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2013 l-esponent, tramite l-avukati sottofirmati, talab il-ħelsien mill-arrest seduta stante pero talba tiegħu giet miċħuda. Peress illi l-esponent kien għaddej minn 'treatment order' fl-Isptar Monte Carmeli meta ġie arrestat, il-Maġistrat sedenti pero ordnat illi minflok jinżamm fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jinżamm fit-Taqsima tal-Forensika fl-Isptar Monte Carmeli.

"Illi sussegwentement nhar il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu 2013, l-avukati sottofirmati saru jafu illi in konnessjoni ma' l-istess reat kien tressaq ċertu Roderick Grech li ammetta li kien hu waħdu li kkometta s-serq aggravat in kwistjoni.

"Illi konsegwentement dak inhar stess ossia l-Ġimgħa 9 ta' Awwissu 2013 ġie ppresentat rikors għall-ftuħ tar-reġistru tal-Qorti u rikors ieħor fejn intalab il-ħelsien mill-arrest. Fil-frattemp sar rikors simili ukoll mill-Ispetturi

li kienu qed imexxu l-proċeduri kontra l-esponent. Dawn ir-rikorsi ġew milqugħa u l-esponent ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt ċertu kundizzjonijiet.

"Illi fil-frattemp ukoll l-avukati sottofirmati saru jafu illi l-esponent fil-fatt ma tteħidx fit-Taqsima tal-Forensika fl-Isptar Monte Carmeli però kien inżamm fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

"Illi l-ilment ta' l-esponent jista' jiġi maqsum fit-tlett lanjanzi. Fl-ewwel lok l-esponent qatt ma kien imissu tressaq il-Qorti taħt arrest u dan għaliex ma kien jissossiti (*sic*) l-ebda suspett raġonevoli fil-konfront tiegħu.

"Illi fit-tieni lok, ladarba hekk tressaq, qatt ma kien imissu ġie mċaħħad mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

"Illi fit-tielet lok l-esponent jissottometti lill-Pulizija, malli saret taf li hemm bniedem detenut mingħajr raġuni, missa immedjatament irtirat l-akkużi fil-konfront tal-esponent dakinhar stess u ċioe` nhar il-Ħamis 8 ta' Awwissu."

**4.** Dwar l-arrest tiegħu, wara li rriproduċa l-artikoli relevanti tal-Kodiċi Kriminali, tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni u wara li għamel riferenza għal xi sentenzi tal-Qrati ir-rikorrent jgħid:

"Illi żgur illi ma seta' qatt kien hemm suspett raġjonevoli li l-esponent ikkommetta r-reat li bih ġie akkużat u dan għal numru ta' raġunijiet. Fil-mument meta ġie kommess ir-reat li bih ġie akkużat l-esponent kien id-dar u dan ġie korroborat minn dikjarazzjoni ta' ommu. Il-persuna li sussegwentement tressqet il-Qorti għandha statura totalment differenti minn dik ta' l-esponent. Fil-fatt filwaqt illi l-esponent huwa raġel pjuttost twil il-persuna li attwalment ikkommettiet ir-reat hija persuna ta' statura qasir. In oltre ma seta' kien hemm l-ebda indizju ieħor illi b'xi mod seta' jikkollega l-esponent mal-post fejn seħħ ir-reat in kwistjoni.

"Illi għalhekk l-arrest ma seta' qatt ġustifikat a bażi ta' suspett raġonevoli.

"Illi in oltre u l-esponent jissottometti għar (*sic)* minn hekk meta wieħed jara l-istqarrija tal-esponent li ingħatat fis-7 ta' Awwissu 2013 jsib is-segwenti:

"M. Qabel nikkonkludu. Ara hux qed nifthiemu, int qed taċċertani li nhar il-Ħadd li għadda, 4 ta' Awwissu, 2013, għall-ħabta tad-9pm., ma kontx ħdejn The Convenience Shop fi Triq Mons Alfred Mifsud kantuniera ma' Triq il-Karmnu, Birkirkara, hux hekk? Ma mortx 'l hemm dawk il-ħinijiet voldieri, skond int?

"T. Le

"M. Voldieri, il-filmati li għandha f'idejha l-pulizija imbabsa, skond int?

"T. Mhux jien żgur.

"Illi din il-kwotazzjoni hija ferm inkwetanti għaliex mis-CCTV recording kellu jirriżulta illi l-persuna li wettqet is-serqa in kwistjoni kjarament ma setatx kienet l-esponent."

**5.** Dwar iċ-ċaħda tat-talba għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest ir-rikorrent isostni li din ma kienetx ġustifikata għaliex ma kienx hemm għalfejn il-Qorti tibża' illi huwa ma kienx ser jattendi għall-proċeduri kontra tiegħu jew illi kien ser jintralċja l-proċeduri kontra tiegħu u dan peress li huwa kien xorta waħda rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli taħt treatment order u għalhekk assolutament ma kienx hemm raġuni ta' biża' li kieku huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest.

**6.** Ir-rikorrent imbagħad, in konnessjoni mal-allegazzjoni li l-prosekuzzjoni naqset milli tirtira l-proċeduri kriminali kontra tiegħu meta saret taf li r-reat li kien akkużat huwa bih kien attwalment ġie kommess minn ħaddieħor, irrileva li fit-8 ta' Awwissu 2013 il-Pulizija kienet ġia` saret taf bl-involviment dirett u uniku ta' Roderick Grech fir-reat li bih kien ġie imputat ir-rikorrent u minn dak il-mument kien għalhekk diga` jinkombi fuq il-Pulizija li tagħmel dak kollu meħtieġ sabiex tiżgura li huwa jinħeles peress li f'dak il-mument kien ċertament detenut illegalment.

**7.** B'danakollu kien biss ġurnata sħiħa wara u ċioe` il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu 2013, meta Roderick Grech tressaq il-Qorti u ammetta l-imputazzjonijiet kontra tiegħu, li l-Pulizija mxiet sabiex isir rimedju fil-konfront

tar-rikorrent u l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent ġew eventwalment irtirati biss nhar it-Tnejn 12 ta' Awwissu 2013.

**8.** Dwar dan kollu r-rikorrent ilmenta kif ġej:

> "Illi l-ewwelnett l-esponent jilmenta mill-fatt li ħadd mill-Korp tal-Pulizija pprova b'xi mod jikkomunika ma' l-avukati ta' fiduċja tal-esponent (hawn sottofirmati) sabiex jgħidulhom b'dan l-iżvilupp. In oltre lanqas għamlu kuntatt ma' l-esponent stess li kien għal kollox estranju għal dawn l-iżviluppi.
>
> "Illi ukoll, il-Pulizija kellha d-dmir li malli ssir taf li bniedem qiegħed jiġi mċaħħad mill-liberta` tiegħu illegalment kellha tagħmel dak kollu meħtieġ sabiex tiżgura t-twettiq tad-dritt fundamentali tiegħu, u dan kif anke kontemplat inter alia fl artikolu 137 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> "Illi minflok, l-esponent spiċċa għamel ġurnata oħra detenut u, iktar minn hekk, fid-9 ta' Awwissu kull ma ppreżenta l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kien sempliċiment rikors għall-ħelsien mill-arrest.
>
> "Illi waqt dik is-seduta l-Pulizija argumentaw illi ma setgħux jirtiraw l-akkużi għaliex ma kellhomx il-kunsens tal-Avukat Ġenerali, iżda fit-12 ta' Awwissu 2013 huma ppreżentaw nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn irtirat il-proċeduri.
>
> "Illi b'hekk l-esponent spiċċa għamel ġurnata sħiħa oħra l-ħabs wara li kien irriżulta b'mod ċar li qatt ma seta kien remotament involut fir-reati adebiti lilu u għalhekk ukoll safa' vittma ta' deprivar ta' liberta` mingħajr bażi legali.
>
> "Illi oltre, minn flok ġew irtirati l-proċeduri dak il-ħin stess huwa ingħata biss il-ħelsien mill-arrest b'kundizzjonijiet fost oħrajn ta' garanzija personali ta' €7,000, li jiffirma kuljum fl-għassa tal-Pulizija ta' B'Kara u bil-ħinijiet ta' rinkażar, dan kollu għal reat li mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet kien ċar li l-esponent ma kellhu x'jaqsam assolutament xejn miegħu.
>
> "Illi indubjament dawn iċ-ċirkostanzi kollha waslu sabiex l-esponent soffra leżjonijiet kbar tad-drittijiet fundamentali tiegħu u għad illi ma jista' qatt jintraddu lura dawk il-jiem li għamel detenut huwa biss ammont ta' dannu morali mill-aspett legali, li jista b'xi mod itajjef (*sic*) din it-trawma."

**<u>Ir-Risposta tal-intimati</u>**

**9.** Permezz tar-risposta tagħhom tat-2 ta' Settembru 2013, wara li eċċipew li l-Avukat Ġenerali ma hux leġittimu kontradittur tal-azzoni proposta u li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji li kienu disponibbli rigward l-ilment tiegħu dwar arrest illegali u konsegwentement talbu lill-qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija fil-mertu wieġbu li l-arrest tar-rikorrent kien jinkwadra perfettament taħt il-paragrafu (c) tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u taħt il-paragrafu (f) tal-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni in kwantu l-arrest seħħ sabiex ir-rikorrent ikun jista' jinġieb quddiem il-qorti peress li huwa kien raġonevolment suspettat li wettaq reati marbuta ma' serq.

**10.** L-intimati komplew jagħmlu s-segwenti osservazzjonijiet:

> "Illi bhala fatti johrog mill-atti tal-proceduri kriminali li rrikorrenti gie mressaq taht arrest fis-7 ta' Awwissu 2013 b'akkuza li fl-4 ta' Awwissu 2013 ikkommetta serq minn gewwa fond kummercjali f'Birkirkara. Illi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kienu mifruxa fuq diversi binarji liema binarji kollha waslu għal persuna tarrikorrenti sahansitra l-footage tac-CCTV camera li kien hemm installata fil-fond fejn il-persuna tar-rikorrenti dehret fuq il-footage. B'hekk ir-rikorrent gie arrestat u mressaq bl-akkuzi in konfront tiegħu.
>
> "Fil-fehma tal-intimati dawn ic-cirkostanzi fejn ir-rikorrenti dehret b'mod car fuq il-footage kif ukoll bl-evidenza l-ohra kollha li ngabret kontra r-rikorrenti, kienu jqanqlu suspett ragonevoli li kien ir-rikorrenti li kien wettaq ir-reati li bihom gie akkuzat.
>
> \- *omissis* -
>
> "4. Marbut ma' dan, jingħad ukoll li l-fatt fih innifsu li eventwalment gew irtirati l-akkuzi in konfront tarrikorrenti, dan ma jfissirx b'daqshekk li d-detenzjoni tiegħu kienet wahda illegali jew arbitrarja. Infatti, imkien fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma nsibu mnizzel li persuna li tkun inzammet arrestata b'mod preventiv jew li ttellgħet b'arrest il-Qorti għandha l-jedd għal kumpens awtomatiku jekk l-akkuzi in konfront tagħha jigu rtirati minhabba cirkostanzi godda li jsehhu wara.

- *omissis* -

"Illi Il-fatt wahdu li l-akkuzi gew irtirati ma jeskludux issuspett ragonevoli fil-mument li r-rikorrenti ttella' u kien taht arrest preventiv. Meta tali suspett ragonevoli ma kienx baqa' jissussisti, kien l-istess esponenti Kummissarju tal-Pulizija li fetah il-Qorti b'urgenza u talab li r-rikorrenti jinheles mill-arrest.

"Sabiex persuna tinzamm arrestata jrid ikun hemm suspett ragonevoli ta' twettiq ta' reat. Kif spjegat, fil-mument li rrikorrenti giet arrestata, l-awtoritajiet kienu gustifikati li jissusspettaw li r-rikorrenti wettaq ir-reati li bihom gie akkuzat u dan minhabba l-evidenza li kellhom f'idejhom f'dak l-istadju.

"5. Bejn is-7 ta' Awwissu 2013 u d-9 ta' Awwissu 2013 u cioe' fil-granet li r-rikorrenti kien arrestat, l-istess rikorrenti qatt ma lmenta jew ikkontesta s-siwi tal-arrest tiegħu. Illi kien l-istess rikorrenti li accetta li l-arrest tiegħu ma kienx wiehed kappriccjuz izda kien wiehed legali u gustifikat. Illi jrid jigi ccarat li r-rikorrenti gie mehlus mill-arrest filgurnata tad-9 ta' Awwissu 2013 stess u cioe' meta terza persuna ammettiet li kienet hi li wettqet ir-reati li kien akkuzat bihom ir-rikorrenti.

"Illi jsegwi għalhekk illi l-arrest tar-rikorrenti kien wiehed konformi tad-dettami tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u mal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

"6.

- *omissis* -

"Mill-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti ttella' b'arrest minnufih quddiem il-Magistrat tal-Għassa u dan bi tharis tal-ewwel parti tal-Artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 (3) tal-Kostituzzjoni.

"Meta deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja r-rikorrenti għamel talba għall-helsien mill-arrest (bail) liema talba fic-cirkostanzi ma ntlaqatx mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u dan minhabba li fic-cirkostanzi dik il-Qorti ma hassitx li f'dak l-istadju kien għaqli li r-rikorrenti jinheles millarrest.

"Għalhekk ma jistax jingħad li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrenti kien b'xi mod kappriccjuz, specjalment meta l-Magistrat li cahad it-talba għall-helsien mill-arrest kien ikkunsidra l-gravita` tar-reat li kien mixli bih ir-rikorrenti u atturi ohra assocjati ma' riskju ta' intralc lill-process kriminali.

"Għaldaqstant, thares minn fejn thares dan kollu għandu jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li anke fuq dan il-punt ir-rikorrent certament li ma garrabx l-ebda vjolazzjoni tad-dritt tiegħu protett permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

> “7. Għal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta’ lezjoni naxxenti mill-fatt li allegatament il-Prosekuzzjoni ma rtiratx ilproceduri kriminali nonstante li kienet taf li r-reat kien attwalment kommess minn persuna ohra, l-esponenti jissottomettu li .... immedjatament li t-terza persuna ammettiet li wettqet irreat quddiem il-Qorti u cioe’ fid-9 ta’ Awwissu 2013, lesponenti fl-istess gurnata ntavola rikors b’urgenza wara li kien għalaq ir-registru sabiex ir-rikorrenti ma jibqax arrestat. Illi l-Magistrat li ddecieda dan ir-rikors ordna li r-rikorrenti jinheles mill-arrest fid-9 ta’ Awwissu 2013 stess.
>
> “Ir-rikorrenti qed jilmenta li l-fatt li l-akkuzi gew irtirati lgurnata tat-Tnejn 12 ta’ Awwissu 2013 certament li ma jqajjem l-ebda kwistjoni taht l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew taht l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u dan peress li dawn iz-zewg artikoli jittrattaw il-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja. Illi jirrizulta li r-rikorrent inheles mill-arrest fid-9 ta’ Awwissu 2013 u l-fatt li l-akkuzi gew irtirati wara certament ma jqanqal l-ebda kwistjoni ta’ lezjoni tal-protezzjonijiet sanciti permezz tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew taht l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.
>
> “Isegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jigu michuda.”

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**11.** Wara li rriproduċiet ir-rikors promotorju u r-risposta tal-intimati, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin, in kwantu relevanti għal dan l-appell, u li wassluha għas-sentenza tagħha tal-14 ta’ Marzu 2014, u li minnhom jirriżultaw ukoll il-fatti tal-każ kif jemerġu mill-provi prodotti:

> “Illi fis-6 ta’ Awwissu, 2013, ir-rikorrent gie arrestat in konnessjoni ma’ hold-up li seħħ il-Ħadd, fl-4 ta’ Awwissu, 2013, fil-The Convenience Shop ġewwa Birkirkara. Ir-rikorrent caħad l-involviment tiegħu fis-serqa, u meta tressaq, taħt arrest, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta’ Awwissu, ir-rikorrent iddikjara ruħu mhux ħati u nżamm arrestat, peress illi t-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest ġiet opposta mill-prosekuzzjoni u miċħuda mill-Qorti. Fid-9 ta’ Awwissu, għal ħabta tat-2.45pm, l-ispettur li kien arresta lir-rikorrent ġie nformat li l-ispettur Elton Taliana kien ressaq b’arrest dakinhar stess filgħodu lill-persuna oħra, ċertu Roderick Grech, b’involviment fl-istess każ, u dan kien ammetta li kien hu li kkometta r-reat u ġie sentenzjat dak in-nhar stess mill-Qorti. Saret komunikazzjoni mal-Avukat Ġenerali u ingħatat direzzjoni biex jintavolaw rikors b’urġenza quddiem il-Maġistrat tal-Għassa ta’ dakinhar għall-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent. Fil-fatt, fid-9 ta’ Awwissu saru rikorsi għall-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti kemm mill-Pulizija, kif ukoll mill-istess rikorrenti. Dakinhar, fis-

6.00pm, il-Qorti tal-Maġistrati ordnat il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti taħt ċerti kundizzjonijiet, u fit-12 ta' Awwissu il-każ kontra ir-rikorrent ġie irtirat.

"Ir-rikorrent ressaq ilmenti li jistgħu jiġu maqsuma fi tliet lanjanzi: (a) li hu qatt ma kellu jitressaq il-Qorti taħt arrest u dan għaliex ma kien jissustixxi ebda suspett raġonevoli fil-konfront tiegħu; (b) ladarba hekk tressaq, qatt ma kien imissu ġie mċaħħad mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest; u (c) li l-Pulizija malli saret taf li hemm bniedem detenut mingħajr raġuni, messa immedjatament irtirat l-akkużi fil-konfront tar-rikorrenti dakinhar stess.

"Trattat l-ewwel ilment, din il-Qorti trid tara jekk il-Pulizija kellhomx suspett raġjonevoli li kien ir-rikorrent li seta' ikkommetta r-reat in kwistjoni. Il-fatt li akkużat jiġi liberat minn kull akkuża jew l-akkużi fil-konfront tiegħu jiġu rtirati, ma jeskludux is-suspett raġonevoli fil-mument li r-rikorrent ġie arrestat. Kif qalet il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-każ "O'Hara v U.K.", deċiża fis-16 ta' Ottubru, 2001:

> "34. The Court emphasises that the 'reasonableness' of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard againt arbitrary arrest and detention laid down in Article 5 § 1 (c) of the Convention. This requires the existence of some facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned may have committed the offence, thougħ what may be regarded as reasonable will depend on all the circumstances of the case (see Fox, Campbell and Hartley v the United Kingdom, judgement of 30 August 1990, Series A No 182, p 16, § 32)."

"Din il-Qorti tirrileva li meta r-rikorrent tressaq b'arrest fis-7 ta' Awwissu, 2013, hu ddikjara b'mod espress li ma kienx qed jikkontesta l-validita` tal-arrest, u l-Qorti, wara li semgħet lill-uffiċċjal prosekutur jispjega ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-arrest tar-rikorrent, iddikjarat ruħha sodisfatta li l-arrest kien ġustifikat. Kwindi, hu diffiċli li issa r-rikorrent jipprova jikkontesta l-arrest teigħu, meta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u fi stadju opportun, iddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-validita` tal-arrest tiegħu.

"Inoltre, din il-Qorti eżaminat il-provi li tressqu f'din il-kawża u tara li fil-verita`, il-Pulizija seta' jkollha suspetti fil-konfront tar-rikorrent. Din il-Qorti mhix se tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-pulizija; ma hijiex, fi kliem ieħor, beħsiebha tara hi x'kienet tagħmel kieku kienet flok l-uffiċċjal prosekutur, għax mhux dan il-kompitu tagħha, iżda trid tara jekk il-pulizija setgħux raġonevolment jkollhom suspett fir-rikorrent fid-dawl tal-provi li kellhom sa dak il-mument.

"F'dan il-kaz, il-pulizija – li ovvjament ikollha diversi "informers" li jassistuha fl-indaġini tagħha – irċeviet tip-off jew informazzjoni kunfidenzjali li kien ir-rikorrent li wettaq il-hold up in kwistjoni. Ir-rikorrent huwa persuna magħruf mal-pulizija u kienu jafu li kellu storja in konnessjoni mat-teħid tad-droga. Kellhom ukoll videos mis-CCTV tal-ħanut u ta xi ġirien. Minn dawn il-videos u li stills li ttieħdu, forsi kien ikun diffiċli li wieħed jasal għar-rikorrent. Peress, però li kellhom informazzjoni oħra li jorbot ir-rikorrent mal-każ, l-ufficjal investigatur tal-każ, qies li kien hemm xebħ bejn il-

persuna li tidher fli-stills u r-ritratt tar-rikorrent li kien niżżel mill-facebook. Mill-films li ttieħdu mid-diversi cameras fl-inħawi, seta' jikkonkludi li l-persuna, bil-wiċċ jidher jiġri fit-triq, kienet l-istess persuna li għamlet il-hold up, u l-istil tal-qata' xagħar tal-persuna li kienet tidher fli-still ta' CCTV partikolari u l-build tiegħu kienu jaqblu mar-ritratt tar-rikorrent.

"Il-pulizija ma qagħdux biss fuq dan l-eżami forensiku. Saru jafu li r-rikorrent kien pazjent fl-isptar Monte Carmeli, u kien hemm fuq "treatment order" li kienet għaddejja. Ir-rikorrent – u dan jirriżulta anke mix-xhieda ta' uffiċċjal ta' dan l-isptar – kien 'on leave' fil-weekend li fih seħħet is-serqa, tant li l-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, r-rikorrent naqas li jattendi għall-appuntament li kellu għat-trattament. Kif ingħad fis-6 ta' Awwissu, r-rikorrent ġie arrestat, u dan wara li l-pulizija ingħatawlhom permess jinterrogawh minn tabib tal-isptar; filfatt, ir-rikorrent ġie rrilaxxat mill-isptar sabiex il-pulizija jkunu jistgħu jkomplu bl-interrogazzjoni tagħhom. Meta ttieħed id-depot tal-Pulizija, kien jidher għall-pulizija li kien jixbaħ lill-persuna identifikata fuq ic-CCTV bħala li għamlet is-serqa.

"Ir-rikorrent qal li kien id-dar rieqed fil-hin tas-serqa, izda meta l-pulizija kellmu lil omm ir-rikorrent, għalkemm din kienet istigata mir-rikorrent tgħid li hu kien id-dar fid-disgħa, skond il-pulizija, qaltilhom li filwaqt li taf li kien id-dar "ma nistax ngħidilhom li fid-disgħa ta' filgħaxija kont hawn għax jiena ma noqgħodx inżomm il-ħin." Omm ir-rikorrent tagħti verżjoni oħra u tgħid li lill-pulizija qaltilhom li ma jistax ikun li binha wettaq is-serqa, hax kien id-dar magħha. Dan il-konflitt kien ikollu jiġi eżaminat mill-Qorti li tkun qed tisma l-kaz, però, l-uffiċċjal investigatur, tal-anqas skond il-verżjoni tiegħu, kien konvint li r-rikorrent ma kellux alibi sod dwar fejn kien fil-ħin tas-serqa.

"Lil dan l-uffiċjal irriżultalu wkoll li r-rikorrent kien għaddej proċeduri fuq serqa aggravata bil-vjolenza li twettqet f'Marzu tal-2013, li kien digà nstab ħati ta' reati relatati ma' serq u ma abbuż ta' droga, u li dakinhar stess tas-serqa, r-rikorrent kellu argument ma ommu dwar flus u droga, u meta tqis kollox, din il-Qorti ma tarax li l-pulizija ma setax kellhom suspett raġjonevoli li kien ir-rikorrent li wettaq il-hold up in kwistjoni. Ma jirriżultax lill-Qorti li l-pulizija aġixxew bi traskuraġni, iżda kif kien dover tagħhom, aġixxew b'ċerta reqqa qabel ma ressqu lir-rikorrent taħt arrest b'akkuża ta' serq aggravat bi vjolenza. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien hemm fil-każ "il-bidu ta' provi ċari" li jqanqlu f'dak li qed jinvestiga konvinċement morali li r-rikorrent hija l-persuna suspettata ("Gerada vs L-Avukat Ġenerali et", deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Settembru, 2012), u l-arrest tar-rikorrent, kif aċċetta l-istess rikorrent, kien wieħed ġustifikat. Jekk dawn iċ-ċirkustanzi kienux ikunu biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tottjeni kundanna, hija materja irrelevanti biex jiġi determinat l-esistenza o meno ta' suspett raġjonevoli meħtieġ għall-validita` tal-arrest. Kif intqal ukoll fil-kawża "O'Hare vs. U.K.", memmija aktar qabel:

> "36. It may also be observed that the standard imposed by Article 5 § 1 (c) does not presuppose that the police have sufficient evidence to bring charges at the time of arrest. The object of questioning during detention under sub-paragraph (c) of Article 5 § 1 is to further the criminal

> investigation by way of confirming or dispelling the concrete suspicion grounding the arrest. Thus facts which ralse a suspicion need not be of the same level as those necessary to justify a conviction, or even the bringing of a charge which comes at the next stage of process of criminal investigation (see Brogan and Others v the United Kingdom, judgement of 29 November 1988, Series A No 145-B, p 29 § 53, and Murray v the United Kingdom, judgement of 28 October 1994, Series A No 300-A, p 27, § 55)."

"Fit-tieni lok, ir-rikorrent jilmenta li meta tressaq il-Qorti ma kellux jigi mċaħħad mill-ħelsien mill-arrest. Din kienet deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u meta tqies li l-istħarriġ kien għadu fil-bidu tiegħu, l-passat imċajpar tiegħu, li kien regolarment dieħel u ħiereġ mill-isptar Monte Carmeli, u li r-reat kien jinvolvi vjolenza, din il-Qorti ma tarax li l-Qorti tal-Magistrati aġixxiet b'mod irraġonevoli meta, fi stadju hekk bikri tal-kaz, irrifjutat talba għall-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti żgur li qieset il-gravita` tar-reat li kien mixli bih ir-rikorrent u fatturi oħra assoċjati ma riskju, f'dak l-istadju, ta' intralċ lill-proċess kriminali. L-għoti ta' ħelsien mill-arrest hija diskrezzjonali għall-Qorti li quddiema jitressaq b'arrest, u din il-Qorti ma tarax li, fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti eżercitat id-diskrezzjoni b'mod ħażin jew irraġonevoli. Ir-rikorrent, il-Qorti tfakkar, kien ġie rilaxxat mill-isptar Monte Carmeli, u allura kieku ingħata l-ħelsien mill-arrest, ir-rikorrent kien ikun fil-liberta` jaġixxi kif irid.

"Fit-tielet lok, ir-rikorrent jilmenta li l-prosekuzzjoni ma rtiratx il-proċeduri kriminali hekk kif kienet taf li r-reat kien attwalment kommess minn persuna oħra. Fuq dan il-punt din il-Qorti tirreleva li, għal xi raġuni li jafuha biss il-partijiet, il-persuna li setgħet titfa' dawl fuq eżatt x'ġara, l-Ispettur Elton Taliana, ma ġiex prodott biex jixhed quddiem il-Qorti. Din il-Qorti trid timxi a bażi tal-provi li tressqu quddiemha u tqis biss dik ix-xhieda konfermata <u>bil-ġurament</u>, kif trid il-liġi, u mhux a bażi ta' ċertu konklużżjonijiet miċbura minn Bord ta' Inkjesta. Dan qed jingħad peress li r-rikorrent esebixxa fl-atti kopja tar-rapport ippreparat mill-Bord tal-Pulizija mitlub jinvestiga x'ġara f'dan il-każ minn naħa tal-Pulizija, però, x-xhieda li nstemgħet minn dan il-Bord ma ġietx esebita, u lanqas ma jirriżulta kif ittieħdet dik ix-xhieda. L-opinjoni ta' dak il-Bord ma torbotx lil din il-Qorti, u diffiċli li tiġi anke kkunsidrata meta l-Qorti ma għandhiex ix-xhieda li fuqha l-Bord ibbaża l-opinjoni tiegħu u lanqas il-files tal-pulizija li kellu f'idejh il-Bord meta wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Din il-Qorti trid ikollha l-fatti quddiemha qabel ma tgħid taqbilx jew le mal-opinjoni espressa tal-Bord, però, ħadd ma ġab quddiem din il-Qorti, x'għamel jew m'għamilx l-Ispettur Taliana. Dan l-Ispettur kellu jittella' jixhed quddiem din il-Qorti u kontro-eżaminat dwar l-involviment tiegħu fil-każ; din il-Qorti, li l-proċeduri quddiema isiru b'"adversarial process" u m'għandhiex rwol investigattiv, ma tistax tmexxi l-kawża hi u trid toqgħod fuq il-provi li jressqulha l-partijiet, u dejjem konformanti mal-liċi. Kif ingħad fil-ktieb "Evidence and the Adversial Process" ta' Jenny McEwan (pagna 6):

> "The essence of inquisitorial is that the state is interested in the outcome and wishes an investigator to discover as many relevant facts as possible. Rather than a dispute, as such, there is an official inquiry triggered by the belief that a crime has been committed. Society has much less interest in

> the outcome of a civil dispute and therefore these proceedings remain inevitably party-dependent in terms of the gathering of evidence." (sottolinear ta' din il-Qorti).

"Il-Bord tal-Pulizija jidher (u dan qed jingħad għax lanqas il-kopja tar-rapport ma hi awtentikata) li sab "breakdown" ta' komunikazzjoni bejn diversi sezzjonijiet tal-pulizija u għalhekk ġara li effettivament ġew arrestati żewġ persuni relatati mal-istess każ. Li din il-Qorti jirriżultala mill-provi, però, hu li hekk "kif l-Ispettur li ressaq lir-rikorrent bħala arrestat, sar jaf bil-każ tal-persuna l-oħra, talab direzzjoni mill-Avukat Ġenerali u b'urġenza talab il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrent. X'għamel u m'għamilx l-Ispettur Taliana waqt l-investigazzjoni tiegħu ma jirriżultax lil din il-Qorti.

"Li tista' tgħid din il-Qorti, u hawn fejn sar ħażin mill-Pulizija, hu li meta tressqet it-terza persuna akkużata b'dan ir-reat fid-9 ta' Awwissu, 2013, il-pulizija kienet taf li fis-7 ta' Awwissu kienet ressqet lir-rikorrent akkużat bl-istess reat. Dan, però, jaffettwa se mai lit-terza persuna u mhux lir-rikorrent. Kif ingħad, din il-Qorti ma taf xejn dwar l-investigazzjoni tal-Ispettur Taliana, speċjalment dwar kif u meta wasal għat-terza persuna. Li jirriżultala hu li din it-terza persuna tressqet taħt arrest fid-9 ta' Awwissu filgħodu, u f'xi ħin wara nofsinhar dakinhar stess, tressqu rikorsi għall-ħelsien mill-arrest ta' rikorrent, u dan inħeles dakinhar stess.

"Din il-Qorti xtaqet tkun taf meta u l-ħin li ġiet interrogata t-terza persuna mill-pulizija, u x'għamlet il-pulizija meta kellha informazzjoni relatata ma' din it-terza persuna. Din il-prova kellha ssir billi jinġiebu jixhdu quddiem din il-Qorti l-persuni involuti, u mhux b'riferenza għal dak li kkonkluda l-Bord tal- Pulizija a bażi ta' xhieda li hu sema', u meta lanqas jirriżulta jekk ix-xhieda mill-Bord ittieħditx bil-ġurament jew le. Kien hemm bżonn li l-Qorti tisma' x-xhieda hi anke biex issir konfront bejn il-provi rakkolti fi-żewġ seduti għall-fini tal-attendibilita` tagħhom u tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. Din il-Qorti ma tistax tqies bħala prova r-rapport tal-Bord tal-Pulizija, meta ma għandhiex aċċess għall-files investigattivi li kellu hu u għax-xhieda li nstema' mill-Bord. Ma tistax tgħid li ġara xi ħaġa jew ma ġarax xi ħaġa, sempliċiment għax hekk qal il-Bord!

"Sa fejn ġie muri lil din il-Qorti, l-ewwel darba li daħlet in xena t-terza persuna kien fid-9 ta' Awwissu, meta din tressqet arrestata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u dakinhar stess inħeles mill-arrest ir-rikorrent, u ma tarax li, allura, kien hemm xi nuqqas da parti tal-pulizija.

"Ir-rikorrent qed jilmenta wkoll li, fil-fatt, l-akkużi ġew irtirati l-ġurnata tat-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2013, iżda dan ċertament li ma jqajjem l-ebda kwistjoni taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jew taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, invokati mir-rikorrenti peress li dawn l-artikoli jittrattaw fuq protezzjoni mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja. F'dan il-każ, ir-rikorrent, kif ingħad, ġie arrestat fuq suspett meqjus raġonevoli, u nħeles mill-arrest fid-9 ta' Awwissu, u allura ma kienx każ la ta' arrest illegali u lanqas ta' detenzjoni arbitrarja.

> "Fil-kuntest tal-eċċezzjonijiet preliminari solevati, taqbel li, fil-fatt l-Avukat Ġenerali ma kellux għalfejn jiġi mħarrek peress li fit-termini tal-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili, ma hux il-leġittimu kontradditur. Hija biżżejjed il-presenza fil-kawża tal-Kummissarju tal-Pulizija li jwieġeb għall-għemil tas-subalterni tiegħu. Dwar il-presenza fil-kawża tad-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali, din il-Qorti tara li din kienet neċessarja peress li r-rikorrenti ressaq ilment dirett lejn l-operat tal-Qorti li għaliha huwa jwieġeb.
>
> Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, u tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra fil-meritu tal-intimati, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**12.** L-ewwel Qorti imbagħad laqgħet l-eċċezzjoni tal-illeġittimita` passiva tal-Avukat Ġenerali u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju u fil-mertu tat id-deċiżjoni tagħha kif ġia` ingħad[1].

**Rikors ta' Appell ta' Darryl Luke Borg**

**13.** B'rikors tal-11 ta' Lulju 2014 ir-rikorrent Darrel Luke Borg appella mis-sentenza msemmija tal-ewwel Qorti u talab lil din il-Qorti jogħġobha tvarja l-istess sentenza tas-27 ta' Ġunju 2014 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, tħassarha, tikkanċellaha u tirrevokaha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra fil-mertu tal-intimati u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement tilqa' t-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

**L-aggravji tar-rikorrent appellant**

**14.** L-aggravji tar-rikorrent appellant huma sostanzjalment is-segwenti:

[1] Ara para. 1 *supra*.

1. **L-ewwel aggravju**: L-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u naqset milli tiddistingwi bejn is-suspett raġjonevoli rikjest sabiex il-Pulizija tarresta persuna u l-konvinċiment li jrid ikun hemm sabiex il-Pulizija tressaq persuna l-Qorti u takkużah bir-reat in kwistjoni meta fil-fatt ma kienx hemm biżżejjed la biex huwa jiġi arrestat u anqas biex jiġi akkużat;

2. **It-tieni aggravju**: l-ewwel Qorti ma setgħet qatt issib li fil-mument tal-arrest tiegħu kien jezisti suspett raġonevoli u kkonkludiet li tali suspett kien jeżisti għaliex il-Qorti tefgħet fuqu piż mhux ġustifikat fuq il-passat tiegħu;

3. **It-tielet aggravju:** l-ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta kkonkludiet li ma setgħetx tissotitwixxi d-diskrezzjoni tal-Pulizija u b'hekk "donnu" irriteniet li dik id-diskrezzjoni ma kienetx sindakabbli u mhux suġġetta għall-iskrutinju tagħha.

4. **Ir-raba' aggravju:** l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset bħala raġuni oħra għaċ-ċaħda tat-talbiet tar-rikorent il-fatt illi ma ġiex kontestat l-arrest u dan għaliex meta huwa tressaq quddiem il-Qorti kemm huwa kif ukoll l-avukat tiegħu ma jkunux jafu xi provi jkollha f'idejha l-pulizija u għalhekk in-nuqqas ta' kontestazzjoni minnu tal-arrest ma jista' qatt ifisser rinunzja ta' xi azzjoni ulterjuri f'każ li jirriżulta li jkun sar xi nuqqas minn naħa tal-pulizija.

5. **Il-ħames aggravju:** għamlet ħażin l-ewwel qorti li rriteniet li r-rikorrent messu pproduċa bħala xhud lill-Ispettur Elton Taljana peress li din kienet konsiderazzjoni totalment irrelevanti u l-istess Elton Taljana ma jseta' jżid xejn mal-konklużjonijiet tar-rapport tal-Bord tal-Pulizija li minnu kien irriżulta li l-pulizija kienet aġixxiet b'mod negliġenti.

6. **Is-sitt aggravju:** l-ewwel qorti kienet ukoll żbaljata meta "donna" skartat totalment dak stabbilit mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Pulizija u f'dan il-kuntenst għamel riferenza għall-artikolu 629(a) tal-Kap. 12 u għall-importanza li l-liġi tagħti lil dak il-Bord tant li tipprovdi li l-membri tal-Bord jistgħu jitneħħew biss b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

**Risposta ta' Appell tal-Kummissarju tal-Pulizija**

**15.** Fir-risposta tiegħu tat-23 ta' Lulju 2014, il-Kummissarju tal-Puiizija wieġeb għall-appell billi sostna li għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta l-appell kellu jiġi miċħud.

**16.** Fil-qosor, is-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija appellat huma s-segwenti:

1. L-analiżi li għamlet l-ewwel qorti dwar ir-rekwiżiti li jimponu l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni invokati mill-appellant hija korretta peress li ż-żewg artikoli jippermettu l-arrest ta' persuna fuq suspett raġonevoli u fil-każ tal-appellant l-arrest tiegħu kien jinkwadra perfettamanet fil-paragrafi relevanti tal-istess artikoli, u ċioe` l-paragrafu (c) tal-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u l-paragrafu (f) tal-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni, tenut kont tal-fatt li l-appellant kien ġie arrestat sabiex ikun jista' jinġieb quddiem l-Qorti fuq suspett ragionevoli - kif din il-frażi ġiet mfissra mill-ġurisprudenza tal-qrati Maltin kompetenti in materja - li huwa kien wettaq reat kriminali.

2. Ma hux minnu li, in kwantu għar-raġunijiet li kienu jagħtu lok għas-suspett raġonevoli li l-appellant kien wettaq reat kriminali, l-ewwel qorti fis-sentenza appellata straħet biss fuq il-footage tas-CCTV u l-passat tal-appellant peress li mis-sentenza appellata jirriżulta kjarament li l-qorti ħadet in kunsiderazzoni l-kumpless tal-provi li nġiebu a konjizzjoni tal-qorti mill-Kummissarju appellat; jirrileva fosthom il-fatt li l-uffiċjal li fuq l-awtorita` tiegħu l-appellant tressaq arrestat quddiem il-Qorti ma straħx unikament fuq l-informazzjoni kunfidenzjali li kienet waslitlu iżda din sostniha bl-elementi u ndizji li rriżultawlu mill-investigazzjoni metikoluża li kkonduċa u li jirriżultaw elenkati fir-rapport tiegħu tal-11 ta' Awwissu 2013[2] fosthom: il-konvinzjoni morali tiegħu li l-persuna li kienet tidher fil-filmat tas-CCTV kienet il-persuna arrestata, l-fatt li l-appellant, għalkemm ċaħad kategorikament l-involviment tiegħu fis-serqa armata, ma kellu ebda alibi, l-fatt li fid-data li fiha saret is-serqa l-appellant kien jinsab fuq leave mill-isptar Monte Carmeli fejn kien ġie preċedentment rikoverat fuq *treatment order*, l-konferma tal-persuna indagata li kellha problema ta' abbuż ta' droga kokajina u li dakinhar ma kellux flus tant li kellu jissellef €30, il-fatt li dakinhar tas-serqa kellu argument ma' ommu dwar il-problema tad-droga u dwar flus, il-fatt li s-serqa twettqet fl-inħawi ta' fejn kien joqgħod l-appellant, l-anteċedenti kriminali tal-appellant li kien jinkludu serq u każijiet pendenti dwar hekk, il-konnnessjonijiet li kellu l-appellant ma' persuni oħra fosthom persuna li kienet turi familjarita` mal-armi tan-nar u oħra li kienet taħdem fl-istess katina ta' ħwienet li minnhom kien jifforma parti l-ħanut derubat, ir-rotta li minnha l-persuna li wettqet ir-reat avviċinat l-istess ħanut qabel is-serqa u r-rotta li ħadet l-istess persuna meta allontanat ruħha mill-ħanut wara s-serqa li kienet ir-rotta li tagħmel l-aktar sens jekk il-persuna in

[2] Doc. JM3, fol. 70-79.

kwisjtoni kienet tabita fejn jabita l-appellant, l-istatura u fisjonomija tal-persuna li kkommettiet ir-reat kif kienu jidhru fuq il-filmat tas-CCTV, partikolarment l-istil tal-qatgħa ta' xagħru kienu jaqblu ma dawk tal-appellant[3]. Il-Kummissarju appellat ġibed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li dan kollu kien korroborat mill-affidavit tal-Ispettur Carlos Cordina[4] li fost ħwejjeġ oħra ddikjara li wara li ra l-i*stills* mis-CCTV *footages* u r-ritratt tal-appellant u osserva s-somiljanzi ta' bejniethom huwa kien tal-fehma li l-Ispettur Mercieca, li kien l-uffiċjal investigatur, "kien qiegħed fis-sew u l-persuna li kienet ser tiġi mressqa kienet l-istess waħda li għamlet il-*hold up* ġewwa Birkirkara."

3. Fejn l-appellant jallega li l-ewwel qorti kienet żbaljata meta rriteniet li ma setgħetx tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-pulizija il-parti relevant tas-sentenza ġiet estrapolata barra mill-kuntest tagħha peress li dak li korretement qalet il-qorti kien li dak li kien fil-kompitu tagħha li tagħmel kien li tara jekk il-pulizija setgħux raġonevolment ikiollhom suspett fl-appellant fid-dawl tal-provi li kellha sa dak il-mument u f'dan l-ewwel qorti kienet korretta meta llimitat ruħha għall-eżami u evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-fatturi u indizji li kienu wasslu lill-pulizija tissuspetta fil-persuna tal-appellant.

4. L-ewwel qorti kienet korretta meta rrilevat li meta tressaq il-qorti l-appellant ma kkontestax l-arrest tiegħu u dan peress li kien l-istess appellant li, filwaqt li kien assistit mill-avukat difensur tiegħu b'ebda mod ma kkontesta il-legalita` tal-arrest u b'hekk wera li kien aċċetta li l-arrest tiegħu ma kienx wieħed kapriċċuż u anzi li kien wieħed skont il-liġi u ġutifikat tant li ddikjara espressament li ma kienx qiegħed jikkontesta l-validita` tal-arrest.

5. Il-pulizija kellha biżżejjed provi sabiex tressaq ukoll lill-appellant imputat b'reat.

6. L-osservazzjoni tal-ewwel qorti li l-apellant ma pproduċiex lill-Ispettur Taljana bħala xhud kienet waħda relevanti peress li għalkemm l-appellant allega li l-arrest tiegħu kien wieħed arbitrarju ma ġab ebda prova f'dan ir-rigward u anzi l-provi li nġiebu kienu juru li kien jeżisti dejjem suspett raġonevoli fil-konfront taiegħu sakemm kien hemm l-ammissjoni tat-terza persuna tar-reat li kien ġie addebitat lill-appellant meta minnufih l-pulizija fetgħu b'urġenza l-Qorti sabiex l-appellant jinħeles mill-arrest kif fil-fatt ġara aktar tard dakinhar stess sakemm jiġu rtirati l-imputazzjonijiet kontra l-appellant.

---

[3] Ara wkoll affidavit tal-Ispettur Mercieca Doc AG2 fol. 60-64.
[4] Affidavit Doc. AG1 fol. 58-59.

7. Peress illi fl-appell *de quo* ma sar l-ebda aggravju dwar l-utilizzar o meno ta' xi rimedju ordinarju, dik il-parti fejn l-ewwel Qorti skartat it-teżi rigwardanti l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija issa finali għaliex għaddiet in gudikat.

8. L-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni korretta u dan b'referenza għall-provi prodotti dwar il-kelma "*permanent*" li hemm fuq l-irċevuti mogħtija lill-appellati.

**Fatti**

**17.** Il-fatti tal-kawża ġew korrettement esposti fis-sentenza appellata fl-ewwel paragrafu mis-silta ampja tas-sentenza appellata riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza[5] kif ukoll minn dak gia` premess u għalhekk ma humiex ser jiġu ripetuti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**18.** It-talba tar-rikorrent fir-rikors promotorju tal-ġudizzju hi fis-sens li din il-Qorti tiddikjara li l-fatti minnu allegati, flimkien jew separatament, jilledu d-dritt fundamentali tiegħu għall-ħarsien mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja kif sanċit fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u wkoll bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-fatti miġjuba 'l quddiem in sostenn tat-talba huma li (a) ir-rikorrent tressaq il-Qorti taħt arrest fis-7 ta' Awwissu 2013 minkejja li ma kien hemm l-ebda suspett raġonevoli fil-konfront tiegħu (b) ladarba hekk tressaq ġie mċaħħad mill-benefiċċju tal-ħelsein mill-arrest u (c) malli l-Kummissarju tal-Pulizija sar jaf li hemm bniedem miżmum detenut mingħajr raġuni ma ħax passi immedjati sabiex jirtira l-akkużi fil-konfront tiegħu.

[5] Ara para. 11 *supra.*

**19.** Għalkemm fit-talba tiegħu r-rikorrent isemmi l-Artikolu 5 bħala dak li ġie miksur l-istess rikorrent fit-talba tiegħu ma jispeċifikax liema sub-artikoli tal-istess artikolu -- li fih diversi u li kollha jindirizzaw drittijiet distinti -- allegatament ġew leżi. B'danakollu, mit-talba stess jistgħu jiġu inferiti d-dispożizzjonijiet relevanti. Hekk, l-eżistenza ta' suspett raġonevoli bħala raġuni li tilleġittima l-arrest temerġi mill-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni; id-dritt għall-ħelsien mill-arrest wara li persuna tinġieb quddiem il-Qorti kif previst fl-Artikolu 5(1)(c) jirriżulta mis-subartikolu (3) tal-istess Artikolu 5 u mill-Artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni. Min-naħa l-oħra ma hux ċar liema parti tal-Artikolu 5 qiegħed jiġi allegat li ġie miksur b'dak allegat fil-paragrafu (c) tat-talba konklussiva fir-rikors promotorju iżda minn dak sottomess fil-kors tal-proċeduri jidher li r-rikorrent jippretendi li bil-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija naqas milli jirtira l-akkużi "malli sar jaf li hemm bniedem detenut mingħajr raġuni" b'hekk hu l-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni li ġie leż. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni li r-rikorrent jippretendi li ġew leżi bl-aġir li minnu jilmenta huma l-Artikolu 5(1)(c) u 5(3) tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 34(1)(f) u 34(3) tal-Kostituzzjoni.

***Allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni***

**20.** L-appellant isostni li meta ġie arrestat mill-pulizija din ma kellhiex raġunijiet biżżejjed li oġġettivament kienu suffiċjenti sabiex jiġġenera fil-pulizija suspett raġonevoli li huwa kien seta' kkommetta reat kriminali. Ikompli jżid li, wkoll fil-mument li tressaq quddiem il-Qorti istruttorja imputat bir-reati relevanti, il-pulizija ma setax kellha suspett raġonevoli fih li kkommetta l-istess reati aktar u aktar meta jittieħed qies, skont l-appellant, li sabiex persuna titressaq il-qorti imputata b'reat hu meħtieġ li l-grad tal-prova jkun aktar għoli minn dak meħtieġ għall-arrest inizjali, u ċioe`, hu meħtieġ li l-pulizija jkollha dak il-konvinċiment li fuq il-bażi tal-provi fil-pussess tagħha f'dak il-mument il-persuna arrestata għandha tinsab ħatja.

*Prinċipji*

**21.** L-Artikoli 5(1) tal-Konvenzjoni u 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni huma intiżi sabiex iħarsu lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Sabiex id-detenzjoni ma tkunx waħda arbitrarja skont l-Artikoli msemmija dik id-detenzjoni trid tkun skont il-liġi u konsistenti mal-għan tal-istess artikoli u ċioe` li l-individwu jiġi mħares mill-arbitrarjeta`[6]. L-artikoli msemmija fihom lista eżawrenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-liberta` ta' xi persuna. L-applikabilita` ta' xi paragrafu tal-Artikolu 5(1) imsemmi ma jeskludix l-applikabilita` ta' xi paragrafu ieħor tal-istess artikolu u d-detenzjoni tista' tkun ġustifikata taħt

[6] Q. Kost. Mugliett v. Avukat Ġenerali, 28 Settembru 2012,#30; ECHR Benham v. UK, 10 Ġunju 1996, #40. Gatt v. Malta, 27 Lulju 2010,

aktar minn paragrafu wieħed ta' dawk l-artikoli[7]. L-istess huwa l-każ rigward l-Artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni.

**22.** Ordni ta' detenzjoni magħmul b'ordni ta' qorti huwa fil-prinċipju wieħed legali[8]. B'danakollu n-nuqqas ta' arbitrarjeta` jiddetta wkoll li jrid jinżamm bilanċ bejn l-għan persegwit bid-detenzjoni u l-importanza tad-dritt għal-liberta`[9].

**23.** Waħda mir-raġunijiet li skont l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni jiġġustifikaw il-privazzjoni mil-liberta` hija dik maħsuba fil-paragrafu (c) tal-istess artikolu u ċioe` meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-liġi u effetwata sabiex dik il-persuna tiġi miġjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat.

**24.** In kwantu għas-suspett raġonevoli meħtieġ skont l-Artikolu 5(1)(c) imsemmi il-kriterju tar-raġonevolezza huwa wieħed oġġettiv[10]. Suspett raġonevoli jippresupponi l-eżistenza ta' fatti jew informazzjoni tali li jissodisfaw

---

[7] Ara Q. Kost. Mugliett v. Avukat Ġenerali, *ibid.*, #29; ECHR Eriksen v. Norway, 27 Mejju 1997, #76; Enhorn v. Sweden, 25 Jannar 2005, #34; Gatt v. Malta, *ibid*, #35.
[8] Ara Q. Kost. Edmond Espedito Mugliett v. Avukat Ġenerali, 28 Settembru 2012, #30; ECHR Benham v. UK, 10 Ġunju 1996, #40 u #42; Gatt v. Malta, 27 Lulju 2010, #40.
[9] ECHR Dec. Adm. Paradis u ohrajn v. Germany, 4 Settembru 2007; Gatt v. Malta, ibid.
[10] Q Kost Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et, 5/4/1991.

lil osservatur oġġettiv li l-persuna konċernata setgħet ikkommettiet reat[11]. L-iStat irid jipprovdi tal-inqas xi fatti jew informazzjoni kapaċi li jissodisfaw lill-Qorti li l-persuna arrestata kienet raġonevolment suspettata li kkommettiet ir-reat[12]. Dak li jista' jitqies raġonevoli jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ[13]. Il-linja li tissepara l-każijiet fejn is-suspett ma jkunx suffiċjentement fondat fuq fatti oġġettivi minn dawk il-każjijiet fejn is-suspett ikun hekk suffiċjentement fondat tista' tkun waħda rqiqa. Jekk ir-rekwiżiti meħtieġa u jekk il-garanzija kontra l-arrest arbitrarju prevista fl-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni jiġux sodisfatti jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha ta' kull każ partikulari[14].

*Applikazzjoni tal-prinċipji*

*l-arrest inizjali*

**25.** L-appellant f'ebda stadju ma kkontesta li l-arrest sar "skont il-liġi" u "skont il-proċedura preskritta bil-liġi". L-arrest tal-appellant sar wara mandat għal daqshekk maħruġ minn Maġistrat[15] u meta fis-7 ta' Awwissu 2013 l-appellant tressaq l-ewwel darba quddiem il-Qorti Istruttorja assistit mill-avukati tiegħu id-difiża tiegħu espressament iddikjarat li ma kienetx qed tikkontesta l-

---

[11] ECHR Wloch v. Poland, 19/10/2000, #108; Malyk v. Ukraine, 29/1/2015, #24; Fox, Campbell and Hartley v. UK, 30/8/1990, #32.
[12] ECHR Fox, Campbell and Harley v. UK, 30/8/1990, #34.
[13] ECHR O'Hara v. U.K., 16/10/2001, #34;
[14] *Ibid # 41.*
[15] Affidavit Spettur Joseph Mercieca fol. 61 tal-proċess fil-prim' istanza.

validita` tal-arrest[16]. Inoltre, wara li dik il-Qorti dak inhar "semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur Spettur Joseph Mercieca jispjega ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-arrest tal-imputat" iddikjarat li kienet tinsab sodisfatta li "l-arrest kien ġustifikat u li sar skont il-liġi u b'hekk tikkonfermah"[17].

**26.** Ir-rikorrent, iżda, f'dawn il-proċeduri insista, u bl-ewwel aggravju tiegħu għadu jinsisti, li l-pulizija qatt ma kellha suspett raġonevoli sabiex tarrestah u tressqu imputat b'reat quddiem il-Qorti.

**27.** Dak sottomess mir-rikorrent appellant fir-rikors tal-appell tiegħu li "donnu" l-ewwel Qorti qalet li d-diskrezzjoni tal-Pulizija in materja ta' suspett raġonevoli hija b'xi mod insindakabbli u lil hinn mill-iskrutinju tal-Qrati jirriżulta kjarament miċħud mill-kontenut tal-istess sentenza appellata. Di fatti fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti skrutinizzat bl-akbar dettal il-provi, indizji u ċirkustanzi li kellha f'idejha l-pulizija f'kull stadju tal-investigazzjoni sabiex tagħmel l-apprezzament tagħha biex tikkonkludi jekk dawk il-provi, indizji u ċirkustanzi kienux tali li setgħu raġonevolment jiġġeneraw dak is-suspett raġonevoli li ta lok għall-ħruġ mill-Magistrat tal-mandat ta' arrest tar-rikorrent appellant meta nħareg l-istess mandat u għall-kontinwazzjoni sussegwenti tad-detenzjoni tal-istess appellant.

---

[16] Fol. 90 tal-proċess fil-prim' istanza.
[17] *Ibid.*

**28.** L-ispettur Joseph Mercieca li ottjena minn għand Maġistrat il-mandat għall-arrest tal-appellant sostna li huwa pproċeda għall-arrest fuq suspett raġonevoli li l-appellant kien ikkometta serqa armata minn stabbiliment kummerċjali f'Birkirkara fl-4 ta' Awwissu 2013 għall-ħabta tad-9.00 pm. Huwa stqarr li l-ewwel ċirkostanza li indikat lir-rikorrent bhala l-persuna li kkommettiet ir-reat imsemmi kienet informazzjoni kunfidenzjali li l-Ispettur Carlos Cordina kien irċieva fil-ħdax ta' filgħodu tas-6 ta' Awwissu 2013. Ma ngħatat ebda informazzjoni dwar jekk il-persuna in kwistjoni kienetx għamlitha ta' informatur tal-pulizija għall-ewwel darba jew kienx hemm okkażjonijiet preċedenti meta għamlitha ta' informatur kunfidenzjali. Inoltre, l-identita` tal-informatur baqgħet mhux magħrufa. Għalhekk ma tirriżulta ebda informazzjoni dwar l-affidabilita` tal-istess informatur. Anqas tirriżulta l-informazzjoni preċiża li ngħatat mill-informatur lill-pulizija sabiex ikun jista' jsir apprezzament tal-verosimiljanza u l-korrettezza ta' dik l-informazzjoni. Għalhekk ma jistax jigi ritenut li din l-informazzjoni kunfidenzjali weħida tista' titqies bħala raġuni oġġettiva sufficjenti li kienet tali li setgħet tiġġenera suspett raġonevoli li r-rikorrent kien ikkommetta r-reat in kwistjoni. Di fatti l-Ispettur ma pproċediex għall-arrest tar-rikorrent minnufih fuq din l-informazzjoni kunfidenzjali.

**29.** l-Ispettur Mercieca stqarr li wara li l-Ispettur Carlos Cordina informah bl-informazzjoni kunfidenzjali li kien irċieva huwa vverifika mas-Central Intelligence Unit tal-Pulizija biex jara jekk il-persuna identifikata mill-informatur,

u cioe` r-rikorrent, kienetx magħrufa lill-Pulizija u rrizultalu fl-affermattiv. Il-pulizija, iżda, ma kellhiex ritratt tar-rikorrent. Wara l-Ispettur Cordina kkonsenja lill-Ispettur Mercieca ritratt tar-rikorrent li kien tnizzel minn fuq *facebook*[18]. L-Ispettur issokkta l-investigazzjoni tiegħu billi eżamina numru ta' *stills* li ttieħdu mill-filmati li tniżżlu minn CCTV camera li kienet imwaħħla mar-residenza ta' Alfio Borg fl-inħawi fejn saret is-serqa fi Triq il-Karmnu, Birkirkara[19] u li fihom kienet tidher persuna b'wiċċha mikxuf li kien nieżel jiġri lejn il-ħanut eżatt qabel ma saret is-serqa"[20]. Hawnhekk ir-riferenza tista' tkun biss għar-ritratti Doc. AF 7 – AF11 li huma l-uniċi stills li fihom il-persuna tidher b'wiċċha mikxuf[21]. Dwar l-istess persuna b'wiċċha mikxuf li tidher fl-istess ritratti s-Surgent Antoine Fenech xehed li "fil-ħin tas-serqa fil-*convenience shop* kien hemm persuna tiela u nieżla f'din it-triq li ġabet ċertu suspett għal fuqha"[22].

**30.** L-Ispettur Mercieca eżamina wkoll numru ta' *stills* (Doc. AF1 sa AF 5) li ttiehdu minn filmati minn żewġ CCTVs tal-*convenience store* fejn saret is-serqa u minn dawn l-i*stills*, wara li ġew aġġustati l-ħinijiet li jidhru fuq il-filmat għall-ħinijiet reali, rriżulta li s-serqa saret għall-ħabta ta' bejn l-20.58 u l-20.59 ħin reali[23]. Wara l-istess aġġustament tal-ħinijiet għal dawk reali irriżultalu li l-persuna li kienet tidher b'wiċċha mikxuf fl-*istills* Doc. AF 7 – AF11 fi Triq

---

[18] Affidavit Spettur Mercieca fol. 60.
[19] *Ibid* fol. 61.
[20] *Ibid.*
[21] L-istills l-oħra Dok. AF1 sa AF 5 juru persuna inkappuċċjata fil-mument li qed tiftaħ u tagħlaq l-għeluq tal-*convenience shop*.
[22] Depożizzjoni Surġent Antoine Fenech fol. 138.
[23] *Ibid.*

Karmnu faċċata tal-ħanut derubat kienet tinsab fl-istess triq fl-20.53 ħin reali u dehret tiġri fid-direzzjoni opposta fl-20.09[24] (20.59 ħin reali). Dawn il-koinċidenzi ta' post u ħin wasslu lill-Ispettur jinferixxi li l-persuna rappreżentata fl-*istills* Doc. AF 7 – AF11 kienet l-istess persuna li kkommettiet ir-reat ta' serq[25] mill-ħanut.

**31.** F'dan l-istadju l-Ispettur Mercieca kkompara l-karattersitiċi tal-persuna li tidher b'wiċċha mikxuf fl-*istills* Doc. AF 7 – AF11 mal-karatteristiċi tar-rikorrent kif kienu jirriżultaw mir-ritratt li tniżżel minn fuq *facebook* u kkonkluda li dawn kienu jaqblu.

**32.** Di fatti l-Ispettur Mercieca xehed li:

> "Infatti, meta għaddewli l-istills ritratt partikolari fejn jidher il-malvivent niezel jigri lejn il-hanut ezatt qabel ma saret is-serqa hemmhekk seta jidher il-wicc, il-qata' tax-xagħar li kellu l-malvivent u l-hwejjeg li kien liebes. stajt nikkonkludi mingħajr dubbju li kienet l-istess persuna involuta fis-serqa in kwistjoni u dan għaliex kien sar ezercizzju ta' *time synchronization* mal-filmati tal-hanut fejn dan irrizulta illi l-hin kien jikkoncidi precizament. Meta flejt ir-ritratt, mar-ritratt li kien għaddieli s-Sur Cordina min fuq *facebook,* ngħid li mhux biss kien hemm xebh bejn l-i*still* u r-ritratt ta' facebook ta' Darryl Luke Borg imma l-istil ta' qata' xagħar tal-persuna li kienet tidher fl-istill tac-CCTV kienet taqbel mar-ritratt ta' facebook ta' Darryl Luke Borg."[26]

**33.** Ir-ritratt tar-rikorrent li tniżżel minn facebook ma jirriżultax esibit iżda l-Ispettur Carlos Cordina[27] jikkonferma x-xebħ bejn il-persuna li tidher fl-i*stills*

[24] *Ibid.*
[25] Affidavit fol. 61.
[26] Fol. 61.
[27] Affidavit fol. 58.

mill-filmati tas-CCTV fid-data tal-inċident u r-ritratt tar-rikorrent li tniżżel minn *facebook* tant li ddepona li:

> "Jien rajt ukoll xi ritratti li ġew meħuda minn fuq il-post tal-inċident minn CCTV footages fejn mis-somiljanza tar-ritratt tal-persuna Darryl Luke Borg kien hemm somiljanzi li jikkonsistu li kien persuna tawwalija u irqieqa; wiċċ jidher tawwali bħal ta' Borg u kif ukoll kellu haircut partikolari u simili hafna ta' Darryl Luke Borg.
>
> "Fuq dawn iċ-ċirkostanzi kollha, irriżulta għalija personali li s-Sur Mercieca kien qiegħed fis-sew u li l-persuna li kienet ser tiġi mressqa kienet l-istess waħda li għamlet il-hold-up ġewwa Birkirkara."[28]

**34.** L-Ispettur Mercieca jissokta jgħid li kien a bazi ta' dawn l-indizji li huwa kien talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' arrest u tfittxija mill-Magistrat u li wara bagħat lill-pulizija biex jesegwuh[29].

**35.** Fil-kors tal-proċeduri odjerni r-rikorrent ma allega ebda *mala fede* jew għemil oppressiv da parti tal-Ispettur Mercieca u l-uniku lment tiegħu kien li fil-fehma tiegħu l-istess Spettur ma kellux suspett raġonevoli sabiex jarrestah[30]. Din il-fehma tar-rikorrent, iżda, ġiet ġenerata mhux minn xi għemil tal-Ispettur lejh iżda mill-fatt li wara li huwa tressaq il-Qorti ġiet akkużata persuna oħra bl-istess reat. Di fatti meta tressaq l-ewwel darba quddiem il-Maġistrat ir-rikorrent ma lmenta b'ebda mod dwar il-legalita` tal-arrest u detenzjoni tiegħu u anzi d-difiża tiegħu espressament stqarret li ma kienetx qed tikkontesta l-validita` tal-arrest.

---

[28] Affidavit fol. 58-59.
[29] Affidavit Mercieca fol. 61.
[30] ECHR O'Hara v. The United Kingdom,16/1/2002, #43.

**36.** Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li huwa messu pproduċa bħala xhud lill-Ispettur Elton Taljana, konsiderazzjoni li skont hu kienet waħda irrilevanti u jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti "donnha" skartat għal kollox dak stabbilit mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Pulizija.

**37.** F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti ma rritenietx li r-rikorrent messu pproduċa bħala xhud lill-Ispettur Elton Taljana iżda, fil-kuntest tal-ilment tar-rikorrent li l-prosekuzzjoni ma rtiratx il-proċeduri kriminali hekk kif kienet taf li r-reat kien ġie kommess minn ħaddieħor u tal-fatt li r-rikorrent kien esibixxa kopja tar-rapport ippreparat mill-Bord tal-Pulizija – li jirriżulta f'parti sostanzjali tiegħu jistrieħ fuq ix-xiehda li l-istess Spettur Taljana ta quddiem il-Bord – irrimarkat li ħadd mill-partijiet ma kien ipproduċa quddiemha lill-Ispettur Taljana bħala l-persuna li setgħet titfa' dawl fuq x'ġara u x'ma ġarax. Fil-kuntest tal-parti relevanti tas-sentenza appellata l-konsiderazzoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward mhux biss ma kienetx irrelevanti iżda kienet ferm pertinenti.

**38.** In kwantu għar-rapport tal-Bord tal-Pulizija esibit in atti l-appellant jissottometti li l-istess rapport ġie prodott minnu "għaliex bis-saħħa ta' dak ir-rapport irriżulta b'mod ċar li l-Pulizija kienet aġixxiet b'mod negliġenti."[31] L-appellant ma għandux għalfejn jiskanta dwar l-atteġġjament tal-ewwel Qorti

[31] pagna 21 tar-rikors tal-appell.

lejn l-istess rapport peress li dak l-atteġġjament jirrifletti l-pożizzjoni legali korretta tal-valur probatorju tar-rapport imsemmi. L-ewwel Qorti, bħal din il-Qorti, ma hix marbuta bil-konklużjonijet raġġunti mill-Bord tal-Pulizija u trid tibni l-konvinċiment tagħha fuq ix-xhieda u l-provi li jiġu prodotti quddiemha u mhux *by proxy* fuq l-iskorta ta' xhieda u provi prodotti quddiem ħaddieħor, *multo magis* meta d-depożizzjonijiet ta' dawk ix-xhieda u l-istess provi li fuqhom il-Bord serraħ il-konklużjonijiet tiegħu ma ġewx prodotti għall-iskrutinju tal-Qorti.

**39.** L-Artikolu 629(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li għalih jagħmel riferenza l-appellant ma jbiddel xejn minn dak premess. Apparti li anqas ir-rekwiżit minimu rikjest mill-istess artikolu ma ġie sodisfatt għaliex, kif irrilevat l-ewwel Qorti, anqas biss saret prova tal-awtentiċita` tar-rapport esibit, l-aktar li seta' jingħad dwar ir-rapport imsemmi b'effett tal-Artikolu 629(a) ċitat hu li saret inkjesta mill-Bord tal-Pulizija li fuq il-konsiderazzjonijiet imsemmija fir-rappport wasal għall-konklużjonijiet imsemmija fl-istess rapport. B'ebda mod ma jfisser li l-ewwel Qorti, jew din il-Qorti, hi b'xi mod vinkolata b'dawk il-konklużjonijiet, u dan għal kollox apparti r-riserva "sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju" li tinsab fl-istess artikolu.

**40.** Din il-Qorti eżaminat akkuratament l-i*stills* u ċ-ċirkostanzi kollha li fuqhom l-Ispettur Mercieca serrah is-suspett tiegħu u li wasslu għall-ħruġ mill-Maġistrat ta' mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tar-rikorrent u, tenut kont ta'

dak kollu premess, li minnu tirriżulta l-investigazzjoni metikoluża li għamel l-Ispettur Mercieca qabel ma wasal sabiex jottjeni l-mandat ta' arrest tar-rikorrent għar-raġunijiet miġuba minnu fuq il-bażi ta' dak li rriżultalu waqt l-investigazzjoni, din il-Qorti ma ssibx li l-arrest inizjali tar-rikorrent kien arbitrarju u nieqes minn fundament ta' suspett raġonevoli.

*Id-detenzjoni kontinwata wara l-arrest inizjali sal-preżentata quddiem il-Qorti fis-7 ta' Awwissu 2013*

**41.** Wara l-arrest inizjali l-Ispettur Mercieca ssokta bl-investigazzjonijiet tiegħu u dak li kien qiegħed jirriżultalu kien isaħħaħ u mhux jeskludi s-suspett li kien wasslu għall-arrest inizjali u dawn ġew dettaljati fis-sentenza appellata u jirriżultaw mir-rapport dettaljat li l-Ispettur Mercieca ħejja dwar l-indaġni li għamel[32]. Fost dawn iċ-ċirkostanzi kien hemm il-fatt li l-appellant, minkejja li kien jiċħad li ħa sehem fis-serqa investigata, ma kellu ebda *alibi*, fid-data li fiha saret is-serqa l-appellant kien jinsab fuq *leave* mill-isptar Monte Carmeli fejn kien ġie preċedentement rikoverat fuq *treatment order,* fid-data tas-serqa l-appellant ma kellux flus u kellu jissellef, l-antecedenti kriminali tal-appellant li kienu jinkludu serq kif ukoll proċeduri pendenti li kellu wkoll dwar serq, il-konnessjonijiet li kellu l-appellant ma' persuna li kienet taħdem fl-istess katina ta' ħwienet li minnhom kien jifforma parti l-ħanut derubat.

[32] Dok JM3 fol. 70-79, partikolarment il-konklużjoni a fol. 78.

**42.** Is-serqa in kwistjoni saret fl-4 ta' Awwissu 2013 u l-appellant kien ġie arrestat fis-6 ta' Awwissu u tressaq il-Qorti quddiem il-Maġistrat tal-Għassa l-għada s-7 ta' Awwissu meta, kif ingħad, kien għadu jippersisti s-suspett inizjali fil-konfront tiegħu. Dakinhar li tressaq il-Qorti r-rikorrent appellant ma lmenta b'ebda mod dwar il-legalita` tal-arrest u detenzjoni tiegħu sa dakinhar u anzi d-difiża tiegħu iddikjarat li ma kienetx qed tikkontesta l-validita` tal-arrest. Dan ifisser li r-rikorrent imputat permezz tad-difiża tiegħu kien ikkonċeda li kien jeżisti suspett raġonevoli li jiġġustifika l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu. Minn barra hekk il-Qorti semgħet lill-uffiċjal prosekutur Spettur Mercieca jispjega dwar ċ-ċirkostanzi li wasslu ghall-arrest tal-appellant u l-Qorti stqarret li kienet sodisfatta li l-arrest kien ġustifikat u li sar skont il-liġi u għalhekk ikkonvalidatu[33]. In vista ta' dak li kien għadu kemm ġie konċess mid-difiża u ċioe` li d-detenzjoni tar-rikorrent kienet valida u skont il-liġi, il-Qorti ma dehrilhiex li kien hemm ħtieġa li tirreġistra aktar minn dak li rreġistrat in kwantu għal-legalita` tal-arrest u d-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent.

**43.** Għalhekk din il-Qorti ma ssibx li d-deċiżjoni tal-Ispettur Mercieca sabiex fis-7 ta' Awwissu 2013 iressaq lir-rikorrenti imputat bis-serqa in kwistjoni kienet waħda arbitrarja u leżiva tad-dritt tiegħu sanċit bl-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni.

[33] Verbal tas-seduta fol. 90.

**44.** Dakinhar ukoll li r-rikorrent ġie preżentat quddiemha, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent appellant għall-ħelsien mill-arrest u fi tmiem is-seduta ordnat li l-atti jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qorti biex jiġu riassenjati.

*Id-detenzjoni kontinwata wara l-preżentata quddiem il-Qorti sat-12 ta' Awwissu 2013*

**45.** Is-sitwazzjoni baqgħet ma nbidlitx sal-ġurnata tad-9 ta' Awwissu 2013 meta dakinhar filgħodu tressqet persuna oħra imputata bl-istess fatt li bih kien ġia` ġie imputat l-appellant fis-6 ta' Awwissu. Il-persuna li tressqet imputata fid-9 ta' Awwissu 2013 ammettiet l-imputazzonijiet kontra tagħha u ġie sentenzjat dakinhar stess. L-Ispettur Mercieca ġie mgħarraf b'dan l-iżvilupp aktar tard fid-9 ta' Awwissu 2013 għall-ħabta ta' 14.45 hrs[34] u huwa minnufih informa lis-superjuri tiegħu u kkomunika mal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li tawh struzzjonijiet sabiex jintavola rikors bl-urġenza sabiex l-appellant jiġi meħlus mill-arrest preventiv sabiex imbagħad fit-12 ta' Awwissu, id-data li għaliha kien ġie appuntat is-smigħ tal-kawża kontra l-appellant, il-prosekuzzjoni tirtira l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant. Dakinhar stess il-prosekuzzjoni għamlet ir-rikors tagħha lil bih talbet li l-appellant jingħata minnufih il-ħelsien mill-arrest[35]. Rikors fl-istess sens sar ukoll dakinhar mill-appellant[36]. Ir-rikorsi ġew appuntati għas-smigħ ghal dakinhar stess 9 ta' Awwissu filgħaxija[37] u dakinhar ukoll il-Maġistrat, kif mitluba kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża, ordnat il-ħelsien mill-arrest tal-appellant taħt

[34] Fol. 63.
[35] Fol. 108.
[36] Fol. 105-106.
[37] Fol. 109.

numru ta' kundizzjonijiet fosthom garanzija personali ta' €7,000[38]. L-appellant ġie rilaxxjat mill-arrest aktar tard dakinhar.

**46.** Meta fid-9 ta' Awwissu 2013 filgħodu, il-pulizija, permezz ta' spettur differenti mill-Ispettur Mercieca, arrestat u ressqet imputat persuna oħra diversa mir-rikorrent, huwa raġonevoli li jgħaddi ċertu żmien sakemm isiru l-verifiki u l-aċċertamenti opportuni sabiex tiġi skjarita s-sitwazzjoni u partikolarment dik tar-rikorrent u din il-Qorti ssib li t-trapass taż-żmien sakemm sar kuntatt mal-Ispettur Mercieca u saret konsultazzjoni mal-Avukat Ġenerali kien wieħed raġonevoli u għalhekk din il-Qorti ma ssibx li kienet arbitrarja d-detenzjoni kontinwata tar-rikorrent f'dan il-perjodu.

**47.** Iżda, wara li fid-9 ta' Awwissu 2013 saret il-konsultazzjoni mal-Avukat Ġenerali u ttieħdet id-deċizjoni li tintalab bl-urġenza il-ħelsien mal-arrest taħt garanzija tar-rikorrent <u>sabiex imbagħad fit-12 ta' Awwissu, il-prosekuzzjoni tirtira l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant</u> il-prosekuzzjoni kjarament ma kienx għad għandha suspett raġonevoli fir-rikorrent li kien l-awtur tal-fatt li bih kien ġie imputat. Bħala konsegwenza dan kellu jwassal għall-ħelsien <u>inkondizzjonat</u> tar-rikorrent appellant u mhux sempliċement għall-ħelsien taħt garanzija. Il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li ntalab kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża tar-rikorrent fid-9 ta' Awwissu 2013 u li ġie konċess mill-Qorti tal-Maġistrati taħt il-kundizzjonijiet ordnati fid-digriet relattiv ma kienx suffiċjenti biex jikkonforma mad-dritt fundamentali tal-

[38] Fol. 110.

individwu għal-liberta` għaliex ir-restrizzjoni tal-liberta` tar-rikorrent ma kienetx aktar ġustifikabbli taħt l-Artikolu 5(1)(c) tal-Kovenzjoni minn meta l-Ispettur Mercieca iddetermina li ma kienx għad hemm suspett raġonevoli li r-rikorrent kien ikkommetta r-reat li bih kien jinsab imputat.

**48.** Għalhekk din il-Qorti ssib li mid-9 ta' Awwissu 2013 wara nofsinhar sad-data meta l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat ġew irtirati, u ċioe` sat-12 ta' Awwissu 2013 filgħodu, kien hemm leżjoni tal-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni.

*Ic-caħda tal-ħelsien mill-arrest taħt garanzija*

**49.** Għalkemm ir-rikorrent appellant qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza appellata ħlief għal dik il-parti tagħha fejn ordnat il-liberazzjoni tal-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju, ir-rikorrent appellant fir-rikors tal-appell tiegħu ma ressaq ebda aggravju fir-rigward tas-sentenza appellata fejn din ċaħdet il-pretensjonijiet tiegħu ta' leżjoni in kwantu ġie mċaħħad mill-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. Dan hu biżżejjed sabiex iwassal biex jiġi miċħud l-appell tar-rikorrent appellant safejn dan jista' jiqies li jippretendi li jappella wkoll minn din il-parti tas-sentenza appellata.

<u>**Rimedju**</u>

**50.** Għalkemm ma rriżultatx xi ħsara pekunjarja, tenut kont li l-appellant neċessarjament sofra xi ħsara ta' natura mhux pekunjarja bħala konsegwenza

tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni u 34(1) tal-Kostituzzjoni il-Qorti qegħda tillikwida *arbitrio boni viri* favur ir-rikorrent is-somma ta' mija u ħamsin euro (€150) bħala kumpens għal-leżjoni li sofra pagabbli mill-intimat appellat Kummissarju tal-Pulizija. Sabiex waslet ghal dan l-ammont il-Qorti qieset li l-appellant ikkontribwixxa huwa stess ghal-lezjoni riskontrata mill-Qorti meta talab il-helsien taht garanzija minflok helsien inkondizzjonat.

**Decide**

Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' limitatament l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u minflok (a) issib li ġew leżi d-drittijiet tal-appellant taħt l-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni matul il-perjodu ta' detenzjoni tiegħu mid-9 ta' Awwissu 2013 wara nofsinhar sat-12 ta' Awwissu 2013 filgħodu; (b) tikkundanna lill-intimat appellat Kummissarju tal-Pulizija jħallas lill-appellant is-somma ta' mija u ħamsin euro (€150) bħala kumpens għal-leżjoni minnu sofferta; u (c) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fir-relazzjoni bejn ir-rikorrent appellant u l-intimat appellat Kummissarju tal-Pulizija l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kwantu għal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mir-rikorrent appellant u kwantu għal kwart ($^{1}/_{3}$) mill-intimat appellat Kummissarju tal-Pulizija. L-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali u tad-Direttur Kriminali u Tribunali għandhom jitħallsu kollha mir-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------